# L-IMQASS

**Ta' G.Z.A.**

Kien ġa xwejjaħ, Patri Ġakkin, meta sirt nafu, għaliex meta kien għadu fl-aħjar tiegħu kien wieġeb għas-sejħa li jmur jaqdi dmiru fost il-Maltin ta' barra minn Malta u fost l-għariba wkoll. Kien reġa' lura hawn wara li qatta' bosta snin fl-Amerika ta' Fuq fl-Istat ta' Florida fejn kien maħbub ħafna għax kien daħal fil-ħajja ta' dik l-art u għaraf imur tajjeb man-nies ta' hemmhekk. Iżda dik ma kenitx l-ewwel ħarġa tiegħu minn pajjiżu għaliex hu kien mar l-Amerika wara li kien ġie lura minn Brisbane fl-Awstralja fejn kien għadda xi żmien igħallem u jaħdem f'parroċċa mmexxija mill-'patrijiet' tax-xirka tiegħu. Ma' tul ħajtu f'dawk l-artijiet barranin fejn jiltaqgħu kull ġens ta' nies hu ġarrab xorta ta' ħajja differenti ħafna minn dik li kien imdorri fiha hawn fostna u ltaqa' ma' bosta praspar li għaraf biss joħroġ minnhom bil-għajnuna ta' Alla u d-dehen ta' moħħu, li minnu ma kienx nieqes.

Meta daħal mhux ħażin fiż-żmien u l-forzi bdew jonqsulu sewwa

reġa' għal darb'oħra lejn art twelidu li laqgħetu; hu baqa' hawn jaqdi dmerijietu bħala Ministru t'Alla b'ċiera x'aktarx ferrieħa sakemm miet mimli bil-għomor u mibki minn kull min kien jafu, li kienu bosta.

In-nies ma dametx ma drat lil Dun Ġakkin meta hu ġie joqgħod għalkollox fostna u bdiet tixteridlu li kien raġel tajjeb ħafna, qdejjes jimxi fuq l-art. Ġie li xi għajdut bħal dak wasal f'widnejh ukoll u f'qalbu kien jistmerru, iżda biex igħaddih b'ċajta kien igħid li kien hawn min iħobb jiġbidlu riġlu. Imma ma' tul il-ftit snin ta' xjuħitu Malta bi ħġarha saret taf bih u ħafna kienu jemmnu bih u kienu jitolbuh xi parir, isaqsuh kif għandhom jagħmlu biex joħorġu minn xi tahbila li jkunu sabu ruħhom fiha, jew minn xi tgerfixa li jkunu għamlu b'għajnejhom miftuħa, imma li wara tkun beżżgħathom meta rawha sejra kontriehom. Hu kien jisma' bil-kwiet u qajla jiftaħ fommu ħlief biex jagħmel xi mistoqsija ħalli jifhem aħjar. Parir tajjeb qatt ma kien jonqos u mhux xi twissija għalli ġej; drabi wkoll xi storja jew rakkont biex ifisser ruħu aħjar, kien igħid hu, imma nżidu aħna, biex jifhmuh aħjar u jibqgħu jiftakru fit-tagħlima li hu, b'mod l-aktar helu, ikun tahom.

Xi rġiel kien jaqla' wkoll għax in-nies mhix qalbha ħażina daqs kemm ipinġuha, u kienet trid turih li tgħożż kliemu. X'kienu jkunu dawn ir-rigali u x'kien jagħmel bihom ma nafx, imma meta miet ftit li xejn ħalla warajh. Wara li miet sirt naf li n-nies kien igħinhom mhux bil-kliem biss, imma bil-flus u xort' oħra wkoll. Ngħid għalija, naf żgur li kien jittallab għal ħaddieħor, għax jien b'hekk sirt nafu; anzi rrid inżid li għall-ewwel ħsibtu wieħed minn dawk melħa u wiċċhom jaqlagħhom ħafna. Meta, imbagħad sirt nafu aktar mill-qrib sgħobbija li kienu għaddewli dawk il-ħsebijiet fuqu u bdejt nara kif inpattilu, bla ma nuri.

Dun Ġakkin kien ta' sikwit jgħid li l-miżżewġin għandhom ikunu bħal imqass, jiġifieri ħaġa waħda magħmula minn biċċtejn jixbhu ħafna lil xulxin u magħqudin flimkien minn pern li madwaru ddur ħajjithom kollha — l-imħabba u r-rispett lejn xulxin; "il-miżżewġin", kien igħid, "għandhom jaħdmu id f'id għat-trobbija tal-ulied u l-qdusija ta' ruħhom; jekk il-biċċtejn tal-imqass", kien jissokta. "ikunu msinna u jaqtgħu, imma l-pern li jgħaqqadhom ma jkunx sħiħ u jżommhom flimkien tajjeb, l-imqass ma jkunx jiswa u flok jaqta' dritt, iħaxlef".

Billi Dun Ġakkin kemm-il darba semma din l-affari ta' l-imqass u ħadd qatt ma meriħ, darba wieħed staqsieh jekk ma' tul ħajtu kienx iltaqa' ma' xi mqass. U Dun Ġakkin kien wieġeb li t-tajjeb u l-perfett hu rari, imma mhux daqskemm wieħed jista' jaħseb. Imbagħad issokta jgħid: "Għalkemm hu minnu li fil-ħajja tal-

miżżewġin l-imħabba lejn xulxin hi r-rabta li ttihom il-qawwa li jilqgħu kull tiġrib, b'danakollu wieħed ma jridx jinsa t-tempra jew il-karattru taż-żewġ imsieħba. Hu minnu li minn dawn il-koppji kważi perfetti jeżistu. Isma' l-istorja ta' raġel u mara li sirt naf meta kont l-Amerika u li b'għemilhom urewni l-kobor u l-ġmiel taż-żwieġ meta jiltaqa' u jitqaddes bil-ħarsien tal-Liġi t'Alla.

"Jien kont Miami ngħin il-Kappillan ta' waħda mill-parroċċi żgħar ta' dik il-belt moderna mogħtija għax-xalar u li ma għandhiex mistrieħ la bin-nhar u l-anqas bil-lejl. Hemmhekk sirt midħla ta' Lillian u żewġha James, it-tnejn ta' fuq il-ħamsin sena, imma r-raġel ftit ixjeħ minn martu. Sirt nafhom mhux għax kienu jqerru għandi, għax għalhekk kienu jfittxu l-kappillan, imma għax xi ħaġa li ma nafx sewwa x'inhi ġibditna lejn xulxin; huma kienu ta' sikwit jistednuni għandhom, l-aktar fost il-ġimgħa meta kienu jafu li x-xogħol tal-parroċċa kien l-aktar jippermettili xi ftit tal-ħin ħieles. James u Lillian ma kenux għonja, imma lanqas fqar, kienu jgħixu tajjeb għax għalkemm in-negozju tagħhom ma kienx kbir, iżda kien jagħtihom mhux ħażin... jien kemm-il darba għamilt wiċċi u tlabthom igħinu xi xirka tal-parroċċa, u huma qatt ma naqsuni, għax kif kien igħid James — la Alla tana, jixraq li nagħtu aħna wkoll. "James u Lillian ma kenux miljunarji bħal dawk il-ħafna li kienu jżuru jew joqogħdu f'Miami, iżda ma kenux xħaħ la magħhom innifishom u lanqas ma' għajrhom. U mhux darba u tnejn li saħansitra mingħajr ma tlabthom tawni somma żgħira ta' flus biex biha ngħin lil xi ħadd fil-bżonn, anzi kienu jgħiduli biex indur fuqhom għal xi għajnuna.

"Minn dak li ġa għidtlek, tista' taħseb li dawn it-tnejn min-nies kienu l-imqass li semmejtlek. Huma kienu jinħabbu u jħobbu l-proxxmu tagħhom, u kienu jgħixu tassew ferħanin li ma kellhomx lil binhom — James Junior jew Jimmy — biċċa ħobż ħażina li kien ta' sikwit inikkithom u jsewdilhom qalbhom bil-praspar li kien jagħmel, għax kien joħloq waħda akbar minn oħra. Huma kienu jiftħu qalbhom miegħi u jien kont insabbarhom mill-aħjar li nista'. Forsi kien Jimmy li ġibidhom lejja! Fl-aħħar għamlilhom waħda ma tinketibx — hekk kbira li għall-ħniena t'Alla biss ma kielx ikla ħabs. Meta qaluli b'dan ma kienx baqagħli ħaġ'oħra x'ngħidilhom ħlief li jibagħtuh f'xi art oħra 'l bgħid fejn ma kienx isib fuq min idur u fejn biex igħix kien ikollu jorbot fuqu nnifsu biss.

"Lil James mill-ewwel għoġbu dan il-parir, imma Lillian għall-ewwel sabitha bi kbira tinfired minn binha waħdani; iżda meta ħasbitha ftit aktar rat li ma kienx hemm triq oħra. Saħansitra Jimmy li xi ftit it-tbeżbiża kien ħassha ma kienx kontra li għal xi żmien jitbiegħed minn artu, u meta saqsewh fejn ried imur għażel

li jmur Brisbane l-Awstralja, fejn jien kont qattajt xi snin fil-parroċċa li għandna f'idejna. Is-Superjur tad-Dar tagħna kien ħabib tiegħi ħafna — issa ilu mejjet, Alla jaħfirlu kemm kien iġibni! — għalhekk jien ktibtlu u għidtlu fil-qosor l-istorja ta' Jimmy u rkmandajtlu li jżommu taħt għajnejh kemm jista' jkun u li jgħarrafni kif ikun sejjer.

"Għaddew xi erba' xhur, ħamsa, qabel ma wasletli l-ewwel ittra fuq Jimmy: is-Superjur qalli li ż-żagħżugħ kien sejjer tajjeb, li milli jidher kien rabba l-għaqal u li kien qiegħed jaħdem u jaqla' x'jiekol bla tbatija kbira. Tista' taħseb kemm ferħu James u Lillian meta jiena qrajtilhom dik l-ittra, kemm irringrazzjawni u kemm raddu ħajr lil Alla tal-grazzja li kien tahom.

"Imma fid-dinja ma hawnx hena u Alla donnu ried jerġa' jippruvahom liż-żewġt iħbieb tiegħi. Kien ilu xi sena li Jimmy mar l-Awstralja u fil-parroċċa tagħna kienu bdew jintesew il-praspar li kien għamel. Imma bħal berqa fil-bnazzi waslitli ittra li xejn ma kienet taqbel ma ta' qabilha: fi ftit kliem qaltli li Jimmy reġa' għall-ħajja l-imgħoddija, u li kien tilef ħajtu fi ġlieda fi triq ta' ħwienet baxxi, mistmerra min-nies tal-galbu. Kelli wkoll ngħarraf lill-ġenituri ta' Jimmy b'dak li kien ġara.

"Tista' taħseb x'qalb kelli naqdi dak id-dmir ta' niket. Billi ħsibt li l-missier kien ser jilqa' dik l-aħbar kerha b'aktar kalma minn martu, bgħatt għal James u għidtlu jiġi jarani fid-dar tagħna; u meta ġie, wara li lqajtu u heddejtu kemm jista' jkun, għidtlu x'kien għadda minn għala ibnu. Hu kważi ħadli minn fommi dak li ridt ngħidlu, donnu kien qed jistennieha dik l-aħbar. Ma qabeżlux dmugħ minn għajnejh, iżda f'wiċċu kont taqra x'kien għaddej minn moħħu u x'kien qed iħoss f'qalbu — kien jidher ċar li — kif ngħidu bil-Malti — jekk kont taqtagħlu rasu, ma kontx toħroġlu qatra demm. Għal ftit minuti baqa' jħares ċass lejja, qisu mitluf minn sensih.

"Meta reġa' ġie f'tiegħu mhux ħażin, għaqqad idejh flimkien u qalli:- Dun Ġakkin, pjaċir ieħor irrid minn għandek; Lillian ma għadhiex dak li kienet sa ftit xhur ilu; ħtija ta' l-inkwiet li kellna, saħħitha bdiet tħalliha, u issa tinsab marida sewwa għalkemm tipprova taħbi; jekk nagħtuha din l-aħbar, żgur noqtluha. Ejja nżommu l-aħbar tal-mewt ta' Jimmy midfuna f'qalbna; b'hekk biss nistgħu ntawlulha ftit ħajjitha... Hu ħsieb inti, ikteb Brisbane, għidilhom li nidħol għall-ispejjeż kollha u li naħfer lil min kien kawża tal-mewt ta' ibni. Imma jeħtieġ li Lillian ma tkun taf xejn b'dak li ġara. Jien ma ċħadtlux dik ix-xewqa; jekk għamiltx sewwa jew le, ma nafx. Kull xi ħmistax jew tliet ġimgħat kont

immur narahom u ġie li kont nieħu mieghi ittra li taparsi kienet tkun wasletli minn Brisbane u li jkun fiha xi aħbar ta' Jimmy. Imma Lillian baqgħet dejjem sejra għall-agħar u kellha sogħla li ta' kultant kienet trid tkissrilha sidirha. B'danakollu kienet dejjem tilqagħni tajjeb, ħafna, u donnha kienet teħja mill-ġdid meta tismagħni naqra dawk l-ittri; anzi għal xi biċċa aħbar ftit aħjar minn tas-soltu hi kienet iddur fuq żewġha u tgħidlu: - Qed tara kemm sewwa ta' ġid li lil Jimmy bgħatnieh l-Awstralja! Miskin, ma kienx ħażin daqs kemm kienu jagħmluh in-nies ta' hawn li donnhom jieħdu gost bid-deni ta' ħaddieħor......, u kliem ieħor bħal dan. Ta' kultant kienet iżżid tgħid: "Jekk Alla jrid minn hawn u ftit taż-żmien ieħor, inkunu nistgħu ngħidulu jerġa' lura hawn — (naħseb li ndunajt li mħabba l-aħħar praspura tiegħu Jimmy ma kienx jista' juri fejn kien u allura kien ftiehem ma' ommu u missieru li ma jiktbilhomx, imma jibgħat aħbaru b'mezz tas-Superjur ta' Brisbane lili u jien inwassalha lilhom) imbagħad jieħu f'idejh in-negozju tagħna u aħna nerfgħu u nqattgħu l-aħħar erbat ijiem ta' ħajjitna fis-sliem u l-mistrieħ. Dak li mbagħad kien l-aktar jagħfasli qalbi kien li biex turini kemm kienet tafħuli dak li kont qed nagħmel ma' binha, kienet ta' sikwit tagħtini xi flus biex nibgħathom Brisbane ħalli s-Superjur igħaddihom baxx, baxx, lil Jimmy ħalli ma jkun nieqes minn xejn. X'kont nagħmel b'dawk il-flus ta' Lillian li qatt ma kienu jistgħu jsiru la ta' binha u lanqas tiegħi?

"James kien ikompli ma' martu. Hu kien joħnoq l-uġigħ ta' qalbu u n-niket jostru taħt ferħ fil-wiċċ. Meta, imbagħad, fi tmiem iż-żjara tiegħi kien jiġi jwassalni, kien igħidli: dawk il-flus agħmilhom quddies jew tihom karità għal ruħ Jimmy, biex forsi Alla jkollu ħniena minn ruħu. Mhux l-ewwel u t-tieni darba li qabiżli d-dmugħ minn għajnejja.

"Din il-logħba baqgħet sejra għal xi xhur, għax kif ġa għidt Lillian kienet dejjem sejra għall-agħar u qatt ma kelli qalb nuriha b'dak li kien tassew minnu. Mill-banda l-oħra James qatt ma kien iħallini waħdi magħha, donnu kien jibża' li tista' taqbiżli xi kelma u Lillian tinduna li konna qegħdin nidħku biha u ssir taf bit-traġedja ta' binha. Le, mallí kien ixommni wasalt għandhom, dlonk kien jitlaq mill-ħanut u jiġi ma' ġenbna.

"Li James u Lillian kienu jinħabbu ħafna ma kontx trid tkun għaref wisq biex tinduna: kont nistħajjilhom żewġ għasafar f'gaġġa, poġġuti t-tnejn ħdejn xulxin fuq il-lista — Lillian tqaħqaħ u tisgħol u James nifsu maqtugħ bl-ażżma li kienet tkiddu sewwa. Kull tant kienu jagħmlu xi kumpliment lil xulxin, u ngħidha kif inhi, li kieku dan kont narah minn ħadd ieħor kont insejjaħlu ksuħat u kont nistmerru, iżda għall-kuntrarju l-imġiba ta' dawn iż-żewġt

ixjuħ ma kenitx ħlief tagħfasli qalbi għax kont tassew nitħassarhom.

"U din il-kummiedja traġika, kif ġà għidtlek, baqgħet sejra ..........., imma xi drabi wara li nkun qrajtilhom xi ittra minn dawk tas-soltu, donni nara li għajnejn Lillian jridu jkellmuni jew jgħadduli xi messaġġ, donnhom iridu jgħiduli:- Saħansitra jekk dak li qed taqra mhux minnu għal kollox, ma jimpurtax, issokta, għax, kif qed tara, qed tfarraġ lil James, miskin! — Ma għandniex xi ngħidu, dan kien biss ħsieb tiegħi għax lil Lillian qatt ma sibtha waħidha u qatt ma setgħet tgħidli xi ħaġa wara dahar James.

"Iżda lejla waħda meta kien qorob il-lejl, ġie James għalija għax qalli li Lillian kienet qalbet għall-agħar sewwa u xtaqet tarani bla telf ta' żmien. Imma qabel ma mmorru, qalli:- Ivvinta ittra minn Brisbane li fiha jkun hemm li Jimmy kien beħsiebu jerġa' lura lejn pajjiżna u ma jdumx ma jkun magħna f'Miami għaliex is-'solicitor' kien qallu li issa jista' jagħmel hekk bla biża' ta' xejn.... Ara kif tagħmel, Dun Ġakkin, — talabni, — biex forsi l-aħħar ftit sigħat ta' ħajjitha, Lillian tgħaddihom fit-tama u l-faraġ. Jien ma kellix ħila ngħidlu le, u rajt kif għamilt u bla telf ta' żmien paspart ittra bħal tas-soltu li fiha kien hemm dak li xtaq James. Imbagħad, ngħaġġ'u, ngħaġġlu, morna t-tnejn ħdejn Lillian li kienet qed tistenniena.

"Wara li ħadtilha b'idejha, u bħalma konna dejjem nagħmlu għidna flimkien talba, dort fuqha u għidtilha: kumbinazzjoni, kont ġej narakom meta ġie James għalija, għax mal-posta ta' wara nofs in-nhar waslitli ittra minn Brisbane ... u bdejt naqra. Lillian uriet li ferħet ħafna għall-aħbar li tajtha, iżda wara ftit għamlet sinjal lil James b'għajnejha u dan wara li skuża ruħu miegħi ħareġ mill-kamra, imma mhux qabel kellimni b'għajnejh u qalli noqgħod b'seba' għajnejn li ma tmurx tiżloqli xi kelma u kullma ma għażilna jsir suf.

"Meta sibt ruħi waħdi ma' din ix-xwejħa, irsaqt qrib lejha biex ma tinkeddx kemm jista' jkun meta tkellimni billi kont intbaħt li James kien ħalliena waħedna għax hi riedet tgħidli, u tafdali xi ħaġa. Għall-ewwel xufftejha bdew jiċċaqalqu bla ma jagħmlu ebda ħoss, donnha kienet qiegħda tgħid xi talba, imbagħad waqfet u b'idha kemm, kemm tittħarrek għamlitli sinjal biex irressaq widinti ħdejn ħalqha. Jien għamilt hekk, imbagħad qabditli idi u bdiet tagħfashieli bil-ftit forzi li kien għad fadlilha u f'widinti pespsitli dawn il-kelmiet: — Dun Ġakkin, Alla jħallsek għal dak li għamilt magħna... jiena naf... li dawk l-ittri li taqralna... mhux veri... u li kont tiktibhom biex issabbar lil James. Kelli fl-Awstralja min igħidli kollox, kompli agħmel hekk biex James ma jmutx bil-piena ta' Jimmy. Jien inxift, u għall-ewwel ma stajtx illissen kelma;

imbagħad għamilt il-qalb lili nnifsi u staqsejtha kif kienet taf b'dak kollu. Ħadd ma jaf lil Jimmy daqsi, — weġbitni, wara li donnha stejqret xi ftit; — għalhekk ridt ikolli aħbar bir-reqqa; irranġajt ma' ditta ta' 'solicitors' li żżommni mgħarrrfa b'kollox; l-ittri kienu jasluli għand waħda ħabiba tiegħi... Jien għintek taħbi minn James l-aħbarijiet ħżiena. Jaħasra, mar lura wisq, saħħtu kważi ħallietu. Emminni kelli nagħmel sforz kbir fuqi nnifsi għax kemm ilna mżżewġin qatt ma ħbejtlu xejn u qatt ma wrejtu ħaġa b'oħra.

"James u Lillian tgerrbu wara xulxin. Alla jagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem. U forsi bħala premju ta' dak kollu li ġarrbu kemm damu ħajjin... u ġarrbuh bis-sabar bla ma qatt qatgħu qalbhom mill-ħniena t'Alla... forsi hemm fil-Ġenna għad jingħaqdu ma' binhom Jimmy li qabel ma miet laħaq l-aħħar sagramenti, grazzja li Alla żgur tahielu mħabba ommu u missieru."

Hekk spiċċa r-rakkont Dun Ġakkin.

Tassew qallu dak flien, dawn it-tnejn kienu mqass, imma mqass tad-deheb u mhux tal-azzar.

"Iva, ħabib," temm Dun Ġakkin, "iżda kif sewwa, sew, darba qrajt fil-kitba ta' Padro Bażan, kemm-il darba rajt dak l-imqass jieħu l-għamla ta' SALIB."